~~*tafji* li hemm fuq. Imma l-Kurunell Ġermaniż R. Meinertzhagen, li niżel fih fis-sena 1917, jgħîd li ma rax ħlief bħal priżma b'erbat ixfâr, li fiha qisha xi żewġ metri tul u xi metru wisa', u ftit anqas minn metru għôli.~~

~~Kieku kellha tkun miflija sew il-Maqbra tal-Patrijarki, ħâġa li l-ebusija ta' râs il-Misilmîn ma ħalliet qatt li ssîr, anqas minn Rènan u sħâbu li kellhom f'idejhom il-ħalla mis-Sultân tat-Torok, tista' tagħti m'hux ftît dawl fuq il-bini ta' Hàram il-Ħalîl u fuq iż-żmenijiet tal-ħajja tal-Patrijarki u l-Maqdes tagħhom. Imma mqâr mingħajr sejbien ta' ħwejjeġ ġodda, il-Kbîr Maqdes ta' Hebrôn għandu l-jeddijiet kollha meħtieġa biex jitwemmen l-isem tal-għâġeb tiegħu, li hu l-QABAR TAL-PATRIJARKI; isem li hu aqwa minn kull żîna u ġmiel li tista' tâgħti kull xorta ta' sengħa.~~

~~*P. ĠAĊINTU FACCIO O.F.M.*~~

# MIN KIEN FAHAR ID-DIN

F'dan il-Qari semmejna' aktar minn darba lil Faħar id-Dîn, wieħed râs kbîra Mislem, Emîr tal-Galilija li kien iħobb wisq lill-Insâra, (1) u li bis-saħħa tiegħu l-Franġiskani tal-Art Imqaddsa kisbu l-Imqâdes tal-Lunzjâta f'Nazaret, u tas-Salvatur fuq it-Tâbor. Hawn sa ngħidu fil-qosor, dan l-Emîr tajjeb, Faħar id-Dîn, min kien.

Faħar id-Dîn twieled fis-sena 1584 (jiġifieri dsataxer sena wara l-Assedju l-Kbîr ta' Malta), u kien mill-qabîl, jew *tribù* ta' Beni-Magħan, li fis-sena 1119, il-Bâxa ta' Damask kien taħom biċċa art kbira jgħidulha Xûf, f'Libnân. Beni-Magħan kienu mix-xirka tal-Misilmîn li jgħidulhom Druż.

Meta Faħar id-Dîn kien għad kellu sena, mietlu missieru, li kien Emîr ta' Xûf, jismu Qarqamas. Dân, qabel ma miet ħalla lill-ibnu u t-tmexxija ta' artijietu, u ħsieb ġìdu, f'idejn ħuh, Sagħad id-Dîn, li kien râġel ta' moħħu jilħaqlu. Dân m'hux biss li hâ ħsieb sewwa tal-artijiet u ta' ġid ħuh, il-mejjet, imma wkoll żied-homlu, billi sar midħla tal-Bâxa ta' Damask, ħelsu minn qabda għakkûx, u b'riħet hekk kiseb oqsma ta' raba, tajbin għaż-żriegħ, f'Libnân. Kien hemm min xlieħ lis-Sultân li hâ art-ijiet għajru, imma min xlieh ma għamel xej, għax Sagħad kien dejjem ġieb rûħu ta' qaddej emîn tas-Sultân.

Faħar id-Dîn tgħallem tajjeb l-iskôla, u trabba sewwa, f'dar għammu Sagħad; u meta kiber u hâ f'idejh ħwejjeġ missieru, l-ewwel ħsieb tiegħu kien li jżid ikabbar l-artijiet ta' Xûf, u jwassalhom sa xatt il-baħar, u jagħmel ħbieb mal-Benduqîn, jew *Venezjani*, li kienu dâli jbaħħru dik in-naħa, għal kemm kienu għedewwa tas-Sultân. Għal biċċa xogħol bħal din kien meħtieġ għaqal kbir, u Faħar id-Dîn, għad li żagħżugħ ħadem bil-għaqal u b'biċċa għodda oħra — li min jista' jaħdem biha dejjem iġibha żewġ fid-dinja — dik il-għodda li jgħidulha DEHEB, Deheb, li lewnu jlellex fil-għajnejn u ħossu ħelu fil-widnejn !

Hekk, mela, Faħar id-Dîn, billi jżiegħel bis-Sultân Tork u jitqâbad u jġib taħt idejh il-kbarât Għarab, ħakem, f'naħa waħda, lil Bejrût, Bagħalbek, Sajda, Sur Għakka, u Hajfa; u n-naħa l-oħra Għaġlûn u Safat. Dawn kollha saru artijiet tal-

Emîr ta' Xûf, u mal-kotra żdiedet is-saħħa, u l-kbarât ta' ma' dwar Libnân qagħdu qagħdhom, għax kienu jibżgħu jiċċaqalqu; u fuq kull ħadd u kollox jaħkem Faħar id-Dîn.

Il-Bâxa ta' Tripli tas-Surija u l-Bâxa ta' Damask, meta raw li Faħar id-Dîn jikber hekka, twerwru; u bagħtu nies jgħarrfu lis-Sultân li jiftaħ għanejh sewwa, għax jekk iħalli li Faħar id-Dîn jibqa' jikber, sata fl-aħħar jaħbat saħansitra għat-Turkija wkoll, u jeħodlu s-saltna. Is-Sultân ta' dak iż-żmien, Aħmed I (1603 — 1617), ra li dak li qalulu kien sewwa, u sama' minnhom. Għal hekk,, fis-sena 1613 amar għal Baxa ta' Damask li jaħbat għal Faħar id-Dîn bl-art bi tletîn-elf (30,000) ruħ, waqt li s-Sultân jaħbat għalih bil-baħar, b'sittin (60) xini. Ħalli hekk, il-Emîr id-Durżi, Faħar id-Dîn jarġa' jitlaq kull ma kien rebaħ, u jżomm biss l-artijiet ta' Xûf, li kienu mogħtija lil nannietu.

Dawn il-qawwiet kienu kbar wisq, u Faħar id-Dîn ma kienx hekk iblah li jeħodha magħhom. Għal hekk ġabar in-nies tiegħu mill-artijiet li kien ha, u hu mar joqgħod f'qasar kbir, imdawwar bis-swar, bħal *fortezza*, li kienu jgħidulu Dejr il-Qamar. Imbagħad ħalla kollox f'idejn ħuh Jûnes u ibnu Għâli, u wissiehom li jibqgħu jagħarfu bħala sidhom lis-Sultân, u huwa mar qabad mirkeb mill-marsa ta' Bejrût u telaq miegħu lejn l-Italja. Għadda Mâlta u qagħad għal ftit hawn, lmbagħad mar Nâpli. Niżel Livorno u minn hemm ġibed lejn Firenze, għand il-ħbieb tiegħu Dei Medici, u kien milqugħ b'ferħ kbir u għejjieda, mill-Gran Duka tat-Toskâna, Cosimo II, li żammu fil-palazz tiegħu.

Il-għan tal-Emîr meta telaq minn rajh u tbiegħed minn artijietu kien li jberred il-qilla tas-Sultân Tork, u ħin wieħed ikollu żmien jiftiehem sewwa mal-Insâra, biex hu, u huma flimkien, ftit wara jaħbtu għat-Turkija, u jbattlu l-qawwiet tagħha mis-Surija u l-Palestîna.

Faħar id-Dîn dam Firenze ħames snin u xahrejn, u f'dan iż-żmien l-ittri kienu ġejjîn u sejrîn bejnu u bejn ħuh u ibnu. Dawn fl-aħħar ħabbruh li s-Sultân kien qiegħed iberred għâdbu, u ftit wara biż-żgħil u t-tmellis, is-Sultân stqarr li Faħar id-Dîn meta jrid kien jista' jarġa' lejn Libnân, u jieħu f'idejh il-ħakma t'artijietu.

Il-Emîr, wara li kien ftiehem fuq kollox mal-Gran Duka Cosimo, raġa' lejn Bejrut, fis-sena 1618 (2). Bis-saħħa ta' għotjiet kbar u sbieħ li beda jibgħat lis-Sultân Tork, seħħlu m'hux biss li jerġgħu jingħatawlu l-artijiet kollha li kienu ttehdûlu, imma li jġib ukoll taħt idejh il-belt ta' Antôkja, bl-artijiet kollha li jmissu magħha.

Ma'tul din it-tieni ħakma, Faħar id-Dîn, ħadem u għâned biex jgħaddi għall-aħjar l-artijiet tiegħu, billi ħajjar lin-nies u għenhom kemm sata' biex iġibu 'l quddiem il-biedja u s-suq, ħalli jitkattar dejjem il-biegħ u x-xiri ma' ġnus barranija. Fetaħ il-marsa ta' Sajda għax-xwieni Ewropîn, u fejn tmiss id-Djiena, għamel ħiltu kollha biex iħabbeb flimkien l-Insarâ-Maronijîn u l-Misilmin Druż, billi darriehom jaħsbu li huma l-koll kienu aħwa, ulied art waħda, u l-għâdu tagħhom il-koll kien wieħed: is-Sultân Tork.

Imma Faħar id-Dîn, bil-għerf u l-għaqal tiegħu kollu, għarra wkoll, għax ħallieha tegħelbu l-frugħa. Billi għadda ħames snin l-Italja, fejn ra bosta palazzi kbar u sbieħ, u għammar fihom, ried huwa wkoll jibni u

jrawwem bħalhom f'artijietu. Għal hekk, biex ikollu fius x'jonfoq, għabba b'taxxi kbar wisq lin-nies ta' tantu; u dawn bdew jarawh ikrah, u jgħajru bih.

Dat-tgemgîm u dil-mibgħeda nqdew bihom l-egħdewwa tiegħu: il-Bâxa ta' Damask, Terebit, u l-Għarab tal-qabîl tal-Jamani, u għal hekk reġgħu bagħtu jixluh lis-Sultân. Qalulu li Faħar id-Dîn kien bi ħsiebu jgħaqqad l-artijiet tiegħu kollha u jagħmel saltna għalieh waħdu, maqtugħa mis-setgħa tas-Sultân Tork; u li biex jasal f'dan il-għan, kien miftiehem mal-qawwiet tal-Insâra tal-Ewrôpa, biex jgħinuh, u hu, meta jirbaħ, iroddilhom il-Palestîna. Dak li qâlu lis-Sultân, ma kienx gideb, u jidhru li kienu mgħarrfîn sewwa.

Barra minn dan, ġara li dik il-ħabta, f'kemm il-naħa kien beda jidher bħal ċaqliq ta' blied li riedu jeħelsu mill-madmad tat-Turkija. Kien hemm ċaqliqa hekk fost il-Għârab tal-inħawi tal-Mekka, u wkoll ġewwa Damask, fejn in-nies ma riedux iħallsu l-egħxûr li wieħed jismu Jûsef, li kien Nâjeb tal-Bâxa, jiġifieri *Loktenent* tiegħu, fis-sena 1632. U hemm kienet sâret taqbîda ġmielha bejn il-bdiewa u s-suldâti Torok, u mit-Torok mietu xi elf ruħ.

Għal hekk is-Sultân ħaseb biex iġiegħel lil Faħar id-Dîn ineħħi l-arja li kellu, billi jibgħat tajfa kbîra ta' nies teħodha miegħu u trażżnu. Bħala ras ta' din it-tajfa ngħażel Bâxa mill-Albanija, jismu Kuċuk Aħmed (jiġifieri ż-żgħir Aħmed; qalgħuhielu hekk għax kien qasîr), li laqa' amar is-Sultân, li jmur jeħodha ma Faħar id-Dîn, bix-xart, jew *kondizzjoni* li hu jkun rajjes waħdâni u jagħmel li jrid u jamar għal kull ħadd, u li t-tliet Baxât, ta' Libnân, tas-Surija, u tal-Palestîna, joqogħdu għal kelma tiegħu għax dik li Faħar id-Dîn kien rebaħ u ġieb taħt idejh dawk l-artijiet kollha, kienet il-ħtija li kien hemm ħafna rajjsîn.

F'Ġunju tas-sena 1632 beda t-taqbîd bejn Faħar id-Dîn u Kuċuk Aħmed. Kuċuk kellu qawwa tal-art ħamsa u erbgħîn-elf (45,000) ruħ, u flotta ta' ħamsîn (50) xini, li kienu jitqâbdu max-xtut ta' Libnân u s-Surija. F'Awissu l-flotta ħabtet għal bliet tax-xtut, u Bejrût, Sur, u Għakka (Akri) intelqu f'idejn it-Torok. Faħar id-Dîn, għall-ewwel ried iżomm jiebes f'Bejrût, imma meta ra li qawwet il-għâdu kienet bil-wisq akbar minn qawwtu, telaq minn hemm u mar lejn Sajda.

Meta dan, Kuċuk Aħmed, għamel ta' bir-ruħu li ried jâgħti lil Faħar id-Dîn mitejn-elf (200,000) ġirx tażżewġt ibliet, Bejrût u Sajda, imma l-Emîr intebaħ li dak kienet nasba, biex Kuċuk jaqbad lilu; għal hekk telaq minn Sajda wkoll u rħiela lejn il-qalgħa ta' Dejr u l-Qamar, fejn kienu ngħabru minn qablu n-nies tal-familja tiegħu. Għâli, iben Faħar id-Dîn, ma kienx hemm għax dal-qalbieni żagħżugħ baqa' jitqâbad, in-naħa ta' Safat mat-Torok li kienu taħt amar Terebid il-għâdu l-kbir ta' Beni-Magħan. U f'żewġ taqbidiet, Għâli ħareġ rebbieħ, imma fit-tielet taqbîda waqa' minn fuq iż-żiemel u safa maqtûl. Dan kien fil-15 t'Ottubru 1633.

Fl-aħħar, Faħar id-Dîn, maħkûm min-niket għal mewt ta' ibnu l-kbir u mitlûq minn wisq suldati tiegħu, fetaħ bwieb il-qalgħa ta' Dejr il-Qamar u reħa lilu n-nifsu u lill-familja tiegħu f'idejn Kuċuk Aħmed. Dana bil-qîma kollha hâ lil Faħar id-Dîn u lil niesu Damask u tahom fejn joqogħdu sehem mill-qasar fejn kien

jgħammar il-Bâxa. Imbagħad, imgħassîn tajjeb, bagħathom lejn Kostantinopli, fejn Faħar id-Dîn kien milqugħ bil-ġiħ mis-Sultân Tork, Murad IV (1623 — 1640), li mar iwasslu sal-egħmâra tan-nefi, jew *turrufnament* tiegħu, fejn kellu jmur joqgħod mal-familja kollha.

Darba waħda, kif is-Sultân kien f'laqgħa mal-kbarât tiegħu, bagħat iġib lil Faħar id-Dîn. Malli wasal is-Sultân saqsieh: "Għaliex uqaftilhom daqs hekk lin-nies li bagħatt jiena?" U Faħar id-Dîn wieġbu: "Għax ma stajtx nagħmel xorta oħra. Għax huwa dmir ta' kull bniedem li jħâres lil ħajtu u ħajjet il-familja tiegħu; u dmir ta' kull Emîr li jħâres, sa fejn jista', artijietu. U dan hu kull ma għamilt jien!" Dan il-kliem għoġob lis-Sultân u lill-kbarât li kienu hemma, u minn dak inhar is-Sultân bagħat lil Faħar id-Dîn joqgħod f'qasar kbir u sabîħ, hu u niesu, u tah flus kemm kien jeħtieġ biex jgħix fil-ġiħ u fis-serħân.

Imma daż-żmien it-tajjeb ma kienx għat-tul. Għax Milħem, wieħed minn ulied Jûnes, ħu Faħar id-Dîn, ġabar miegħu qatiegħ Għârab li jgħidulhom Bedu, u ħabat għall-għarrieda għas-suldâti Torok, u qatel minnhom mhux ftit. Għal dan, rajjes it-tajfa Torka, Kuċuk Aħmed resaq quddiem is-Sultân u talbu li bħala ħlas, jaqta' ras Faħar id-Dîn u jagħtihielu. U dak li talab qalgħu.

Faħar id-Dîn kien sar Nsrani xi sentejn qabel, u ma qal lil ħadd. Għal hekk meta qalûlu li s-Sultân amar li jaqtgħûlu râsu, u widdbuh li jdur wiċċu lejn il-Mekka u *jixhed ixxhieda* tal-Misilmîn, jiġifieri jistqarr li hu jemmen bid-Din ta' Muhammed, qabel imut (3), huwa xteħet għar-rkubtejh wiċċu lejn Xerq u xehed ix-xhieda tal-Insâra: "Axhed ...inni b'imut... fi imân inn'Allah Wâhed, Ab u Iben u Ruh Qudos... Amien!" U kif qatgħulu rasu u waqa' jferfer fl-art, minn għonqu ħarġet sinsla tad-deheb b'salîb żgħir imdendel fiha. Dan ġara fit-3 t'Aprîl tas-sena 1635.

* * *

Għal kemm din il-ġrajja tal-aħħar tista' tkun kollha jew ftit minnha *leġġenda*, b'dana kollu hu ħaqq li l-Emîr Faħar id-Dîn kellu qima kbira lejn l-Insâra, u Latîni u Ortodossi. Il-Franġiskâni tal-Art Imqaddsa thennew bil-wisq bil-għajnuna tiegħu. Kif għedna l-ewwel, kien hu li tâhom l-Imkejjen Imqaddsa ta' Nazaret u tat-Tâbor u ta' Dabûrja, u ħalliehom jerġgħu jmorru jgħammru f'Għakka (san Ġwann t'Akri).

Il-kliem li qal hu lir-rjus il-kbar tal-Beledija ta' Nazaret, meta marru jsibûh Sajda biex ikellmûh fuq it-tmexxija ta' pajjiżhom, għâdu miktûb sal-lum, u juri l-qîma li kellu għar-Rhieb tal-Art Imqaddsa. Dan huwa: "Iftħu għajnejkom li ħadd minnkom ma jagħmel ħsâra lir-Rhieb ta' Nazaret! Iftakru li l-ġid li tagħmlu lilhom jien inqîsu bħala ġid magħmûl lili n-nifsi. U talli tieħdu ħsiebhom, jiena nâgħti lill kull wieħed minnkom tliett iżwieġ baqar mill-għexûr tiegħi ta' Nazaret. Jekk intom ma tagħmlûx dan, u jekk issirilhom xi ħsâra, minn għandkom inkûn nafha! Jekk inkûn naf li għamiltulhom xi deni, inħallaskom bla ħniena!"

Din hi fil-qasîr il-ġrajja ta' Faħar id-Dîn, ras kbîra u Mislem tajjeb, li daqs kemm kien Mislem tajjeb, kellu ftit-ftit isir Nisrani!

P. GAWDENZJU GOVERNANTI
O.F.M.

(1) Ara dan il-Qari, għadd 1, 1955, faċċata 9, għadd 3, 1956, faċċata 67.

(2) Wieħed Ingliż, George Jeffery, fi ktieb li kiteb fis-sena 1919 (*A Brief Description of the Holy Sepulchre*, faċċata 35) isemmi li l-Gran Dûka tat-Toskâna, Ferdinando I, fiż-żmien li Faħar id-Dîn dam l-Italja (1603-1608), ftiehem miegħu biex meta jmur mill-ġdid pajjiżu, jgħinu jisraq il-Qabar ta' Kristu, u jieħdu u jwaqqfu f'nofs ta' knisja f'Firenze. Għal hekk Faħar id-Dîn, hu u sejjer lejn is-Surija, ħa miegħu l-flotta Venezjana, b'kaptan tagħha Inghirami, biex iġġor il-Qabar ta' Kristu lejn Firenze. Ix-xogħol kellu jsir bil-moħbi, u Faħar id-Dîn, mal-Venezjani, daħlu bil-lejl fil-Bażilka biex jaqalgħu l-Qabar. Imma waqt ix-xogħol intebħu bihom il-Griegi u kellhom jitilqu kollox u jaħarbu. Għal hekk Faħar id-Dîn baqa' sejjer lejn Bejrût u l-Gran Duka baqa' bil-knisja battala. Jeffery, minn kliemu jidher li ħaseb li l-Venezjani riedu jieħdu l-Qabar ta' Kristu kollu — kamra żgħira, sħiħa, tal-blat, bl-art u l-itan u s-saqaf, jaqalgħuha sħiħa u jeħduha fuq ġifen! Imma dan ma hux minnu, għax il-kamra fejn kien il-Qabar, kienet imkissra u meqruda b'amar tas-Sultan tal-Eġittu Ħalîf Hâkem, fis-sena 1009. Dak li riedu jieħdu l-Venezjani kien blokk tal-ġebel, twil xi sitt piedi, għoli tlieta u wiesa' tlieta, li fûqu kien mimdûd il-Ġisem ta' Kristu mejjet. Il-Venezjani nqabdu, għax dal-blokk qabel ma jeħduh kellhom jaqtgħuh min mal-blât, u huma u jaqtgħuh, għamlu l-ħsejjes bil-bqâqen.

(3) Il-kliem li jgħidu l-Misilmin waqt il-mewt huwa dan: "Axhed, inni amût, fi imân, inn la Ilâha illa Allah, wa Muhammed Rasûl Allah". In-noti t-tlieta tad-Direzzjoni.

# IT-TWELID TA' GESU' (*)

Kien wara nżûl ix-xemx, fix-xitwa. Minn ġewwa t-twieqi tad-djâr ta' Betlehem kien jistama' daħk, u ilħna ta' nies tiċċajta. Il-kerrejja ta' Hamgħân kienet miżgħûda bin-nies: min miexi, min wieqaf, min jitlajja, u ġemgħa kbira minnhom bil-qegħda mal-ħajt, taħt il-ħnejja tal-bieb — ħafna minnhom ħafjin u lebsin ħwejjeġ qodma — jxejjru jdejhom u jitħaddtu bejniethom. Kellhom fuqhom riħa miżża.

Jusef u Mirjam dak il-ħin waslu Betlehem. Xirfu f'bieb il-kerrejja, ħarsu ftit u reġgħu telqu. Kienu mxew in-nhâr kollu u kienu għajjenîn u jixtiequ joqogħdu weħedhom, mal-imħabba safja u qaddisa ta' bejniethom, u mat-twemmîn sħîħ tagħhom f'Alla ta' Israël. Għal hekk, qabdu t-trejqa li tieħu barra mir-raħal, u baqgħu sejrin magħha.

Hemm barra, qalb il-egħlieqi, ma' tûl dik it-trejqa ħâlja min-nies, kien hemm ħemda kbîra. Ir-rîħ kiesaħ ġej minn fuq is-silġ tal-iġbla ta' Hermon u Libnân, kien ukoll heda, wara li bl-infîħ tiegħu, fis-sema, xegħel il-qamar. Il-ftit borra li kienet niżlet, rattbet l-art jiebsa tal-egħlieqi ta' dik in-naħa, u tfiet il-lewn tal-ħamrija, li minn aħmar-samrâni sâr qastni jagħti fl-isfar. Fuq ġenb ta' għolja kien jidher jixgħel nâr, f'nofs il-maħalla, jew *kamp* tas-suldâti tal-għassa Rumâna. U jirtogħod u jitliegħeb, f'dik is-sikta, kien jistama' fil-bgħîd, il-leħen ħelu ta' suqqâfa. Jusef sab naqra ta' għar, u daħal fih, ma' Mirjam, u xegħel l-imnara.

Ftit wara, fis-sema leħħ bħal dawl, u stama' għana li jgħaxxaq: "Sebħ 'l Alla fis-smewwiet, u Sliema fl-art, lin-nies ta' rieda tajba!" U qatgħa Anġli bojod, ijżommu id f'id, dehru jdûru, jitilgħu u jinżlu, f'dak id-dawl, bejn l-art u s-sema. Id-dinja ferħet, għax wara li kien ilha wisq imdejqa tistenna, fl-aħħar għarfet li kien twieled il-Ħellies tagħha!